# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 61

**3 ta' Ottubru, 2017**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 61.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija għax kulħadd kien preżenti.

### 61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

**61.2.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

### 61.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

**61.3.1** Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier F Roe ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier L Cachia Castelletti issekondat.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

### 61.4 Akkumulazzjoni ta' *vacational leave* tas-Segretarju Eżekuttiv;

**61.4.1** Is-Sindku Max Zammit qal li s-Segretarju Eżekuttiv avżaħ li jixtieq iġedded il-*vacational leave* tiegħu għas-sena id-dieħla. Dan jammonta għal 96 siegħa.

Il-kunsill qabel b'mod unanimu li l-leave tas-Segretarju Eżekuttiv għandu jiġġedded.

### 61.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**61.5.1** Is-Sindku Max Zammit qal li l-esperjenza tiegħu fit-*Tel Aviv Cities Summit f'Tel Aviv* f'Iżrael kienet posittiva ħafna. Dan is-*Summit* laqqa sindki u politiċi minn madwar id-dinja u kellu t-tema żvilupp sostenibbli għall-bliet u rħula ta' mal-kosta. Huwa qal li waqt dan is-*Summit* kellu l-opportunita' li jindirizza l-udjenza u tkellem dwar bosta miżuri li ġew addottati ġewwa Ta' Xbiex fosthom l-iżvilupp sostenibbli mal-*promenade* ta' Ta' Xbiex u fil-port ta' Marsamxett.

61.5.2 Is-Sindku Max Zammit ikkomunika li ħa jkun qiegħed jattendi l-konferenza tal-*Commonwealth* fejn ser ikun qiegħed ukoll jipparteċipa fil-*Young leaders Forum.* Huwa qal li din ser tkun opportunita' tajba biex ikun jista jaqsam l-ideat tiegħu u jieħu wkoll ideat mingħand ħaddieħor fuq kif għandhom jitmexxew kunsilli lokali.

Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jattendi għal din il-konferenza. Il-Kunsill approva wkoll il-parteċipazzjoni tal-Kunsillier L Cachia Castelletti.

Is-Sindku Max Zammit qal li ħa jerġa jkun hemm l-opportunita' li nitilgħu għal konferenza tal-ECAD li ser issir ġewwa *Bologna*.

61.5.3 Il-Kunsill qabel li għal din il-konferenza għandhom jattendu l-kunsilliera E Muscat u F Roe.

## 61.6 Xogħolijiet f'Ta' Xbiex;

61.6.1 Is-Sindku Max Zammit qal li x-xogħol fi Triq d-Deffa kważi tlesta u l-puġġaman qiegħed jinħadem. Huwa kompla jgħid li issa jmiss li jinbeda x-xogħol fuq ir-Rampa ta' Ta' Xbiex peress li hemm *deadline* sa l-aħħar ta Novembru li hemm bżonn li jintlaħaq biex inkunu nistgħu nieħdu l-fondi mingħand id-dipartiment li jammontaw għal madwar 11,000 Ewro. Il-Kunsillier E Muscat qal li għandna nnaqsu parti mil-ispiża nvoluta fi Triq Augustus Bartolo fejn kien hemm xi nies li pprotestaw biex ma jsirx ix-xogħol u ninvestu dawn il-flus fuq ir-Rampa ta' Ta' Xbiex.

Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu estimi diversi biex naraw xi spejjeż hemm biex isir xogħol ulterjuri ta' *tarmac* u ta' bankina fuq ir-Rampa ta' Ta' Xbiex.

61.6.2 Is-Sindku Max Zammit ippropona li jinħareg *tender* wieħed biex tiġi żviluppata l-arja fuq id-*Deggi's* fi Triq *Abate Rigord* u l-arja wara l-każin tan-Nazzjonalisti li tinsab fi Triq il-Ħalġ. Dan isir biex il-prezzijiet li jiġu ikkwotati minn dawk li jitfgħu l-offerta għal dawn l-iżviluppi jkunu jistgħu possibilment jkunu aħjar. Is-Sindku Max Zammit kompla jgħid li l-kunsill ikkommetta ruħu li jiżviluppa l-*area* ta' fuq id-Deggi's din is sena. Huwa qal li jista jkun li jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn ir-residenti fuq l-affarijiet li jsiru fuq proġett u għaldaqstant jaf tkun tinħtieġ laqgħa ta' konsultazzjoni.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jinħareġ *tender* wieħed.

## Funtani

**61.7** Kif intqal fil-laqgħa preċedenti, is-Sindku Max Zammit qal li s-Segretarju Eżekuttiv infurmah li d-dipartiment tal-*Public Works* offra lill-kunsill li jieħu

**61.7.1** taħt idejh il-funtana li hemm max-Xatt. Dan minħabba li t-*tender* skada f'April ta' din is-sena u kif qiegħed isir ma kunsilli oħra, dan id-dipartiment qiegħed l-ewwel jivverifika mal-kunsill konċernat dwar l-interess tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa ġabar xi kwotazzjonijiet biex jieħu idea ta' kemm tkun l-ispiża jekk il-kunsill jagħżel li jieħu f'idejh il-funtana u dan kien madwar 5,000 Ewro fis-sena u dan jinkludi biss moniterjaġġ u jeskludi kemm il-kloru u ħsarat.

Il-kunsill qabel b'mod unanimu li din l-ispiża mhiex sostenibbli għal kunsill u għaldaqstant għandha tibqa taħt id-dipartiment tal-*Public Works.*

### *Foundation for tourism zones*

Is-Sindku Max Zammit qal li rnexxielu jilħaq ftehim mal-*Foundation for*

**61.8** *Tourism Zones* biex jagħmlu manutenzjoni tal-ħadid u l-balavostri li hemm in-naħa tal-*Mamma Mia*. Iddiskutejna mal-ministeru tat-Trasport,

**61.8.1** Infrastruttura u Proġetti Kapitali u dawn ħa jipprovdulna iż-żebgħa wkoll u ħa jagħmlulna li hemm bżonn. Is-Sindku Max Zammit kompla jgħid li dan ix-xogħol mhu ħa jiswa xejn lill-kunsill.

Is-Sindku Max Zammit qal li l-madum li jinstab fi Triq id-Deffa ġie salvat u l-ħaddiema tal-kunsill ġabuh ġewwa l-kunsill. Huwa qal li l-madum li hemm ix-xatt huwa l-istess għaldaqstant ikun jista jinbidel ma dak li spiċċa li hemm fi

**61.8.2** Triq ix-Xatt. Huwa qal li dan ix-xogħol ħa jkun ukoll diskuss mal-*Foundation for Tourism Zones* biex naraw jekk hux possibli li jagħmluh huma.

### Immaniġjar tat traffiku

Is-Sindku Max Zammit qal li huwa u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mar-rappreżentanti ta' *Transport Malta* fejn ġie diskuss l-immaniġjar tat-traffiku

**61.9** wara li tkun infetħet il-*junction* tal-Kappara. *Transport Malta* ser ikunu qegħdin jistaqsu jekk l-kunsill iridx li jreġġa l-immaniġjar għal kif kien qabel

**61.9.1** saru id-*diversions,* minħabba il-proġett.

Il-Viċi Sindku R Portelli qal li hu jipproponi li l-immaniġjar tat-traffiku fi Triq il-Watar idur. Il-Kunsilliera E Muscat u L Cachia Castelletti qalu li kif kien qabel l-immaniġjar tat-Traffiku kien iktar joħloq inċidenti u għaldaqstant jaqblu li għandha tibqa kif inhi.

Il-Kunsill qabel li l-immaniġjar tat-Traffiku fi Triq l-Watar għandu jiġi diskuss mal-proposti ta' Transport Malta.

### Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu

**meħtieġa;**

61.10 Is-Sindku Max Zammit qal li rnexxielu jġib fondi mingħand id-dipartiment tal-gvern lokali biex ikunu jistgħu jiġu installati cctv *cameras* ġewwa Ta' Xbiex. Huwa qal li l-prijorita' hija li jsiru cctv *cameras* ġewwa Abate Rigord u oħra ġewwa t-Triq Prinċipessa Margerita.

61.10.1 Il-Viċi Sindku R Portelli qal li hemm problema kbira ġewwa Triq Testaferrata minn ħanut tal-ikel partikolari li dejjem ikollu ammont ta' boroż barra.

Il-Kunsillier F Roe qal li hemm problema simili ġewwa Triq Abate Rigord minn ħanut tal-ikel ukoll. Il-Kunsillier L Cachia Castelleti qalet li għandna nagħmlu ittra u nibagħtuha lil *businesses* kollha ġewwa Ta' Xbiex peress li l-liġi titlob li l-entitajiet privati ikollhom kuntratt privat ta' ġbir ta' skart. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kunsilli lokali jinagħtaw biss fondi biex jinġabar skart domestiku.

Il-Kunsill qabel li għandha tinbgħat ittra lil *businesses* fejn tindikalhom dak li titlob il-liġi fir-rigward tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt tal-iskrivana Yasmine Tonna ser jiskadi peress li ħa jkunu għaddew it-tlett snin u għaldaqstant il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidx dan il-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa jagħti l-parir li dan jiġġeded.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan għandu jiġġeded għal tlett snin oħra.

61.10.2 Is-Sindku Max Zammit ippropona li l-kunsill jitla r-Russja biex ikun jista jiltaqa mad-delegazzjoni u mal-artist tal-*Guardian Angel*. Din iż-żjara tkun importanti biex tkun tista tikber ir-relazzjoni mal-persuna li ħa tkun qiegħdha ittina din l-istatwa u jiġu diskussi ċertu dettalji.

Il-Kunsill approva iż-żjara tas-Sindku, tas-Segretarju Eżekuttiv, tal-*Minority leader* u tal-Perit tal-kunsill. Il-Kunsill approva wkoll li l-spejjeż tal-ajru tas-Sinjura Irina Malikova li ħa tkun qiegħda tgħin lil kunsill bħala interpretu.

61.10.3

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tad-dawl tal-kunsill biex is-sistema tad-dawl tkun tista taqleb fuq *Three phase*. Minħabba li d-dawl qiegħed jinqatgħa ta' spiss peress li jkun hemm l-*airconditioners* mixgħulin. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan ix-xogħol

61.10.4 importanti li jsir qabel is-sajf tas-sena 2018.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandu jsir dan l-investiment.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjoni biex il-kunsill ikun jista jirranġa s-*server* li hemm fil-*customer care*. F'dan il-*unit* hemm diversi *wires*,

*modems* u affarijiet elettroniċi oħra li mhumiex qiegħdin skond l-istandard. L-

61.10.5 attenzjoni dwar dan il-*cabinet* inġibdet ukoll mil-uffiċjal li għamel ir-rapport tal-*Health and Safety*.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li din l-ispiża għandha ssir is-sena id-dieħla.

Il-Kunsillier F Roe qal li l-kunsill għandu jibda jaħseb għal armar tal-Milied.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jintrama d-dawl tal-Milied. Dan

61.10.6 għandu jinxtegħel fl-1 ta Diċembru.

61.10.7

## 61.11 Rapporti mill-Kunsilliera

**61.11.1** Il-Kunsillier E Muscat irraporta li l-kuntrattur *LK Limited* għandu jdur ix-xogħol li sar fi Triq Sir Temi Zammit. Huwa qal li dan għandu jkaħħal sew bejn il-kurduna u t-t*armac*.

**61.11.2** Il-Kunsilliera E Muscat u F Roe qalu li għad hemm numru ta' tabelli tat-toroq li jiħtieġu li jinbidlu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn it-tabelli għandhom jiġu diskussi ma l-Uffiċjal Eżekuttiv A Micallef biex naraw f'liema toroq u x'qies għandhom biex ikunu jistgħu jiġu ordnati.

**61.11.3** Is-Sindku Max Zammit qal li ġiet spezjonata l-*arja* ta' wara l-każin tan-Nazzjonalisti minħabba li kien hemm rapport li kien hemm xi ġrieden. Inqatgħu l-arbuxelli li kien hemm u issa l-kunsill irid jara x'ħa jsir fiha.

Il-Kunsill qabel li għandna inkellmu lil ELC biex naraw x'inhu l-aħjar li jsir.

## 61.12 Kuntratt ta Ġbir ta skart

**61.12.1** Il-Kunsill qabel li jerġa jiltaqa biex jiddiskuti din il-materja.

## 61.13 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir l-Erbgħa 29 ta' Novembru, 2017 fil-6.30 ta' filgħaxija.

**61.13.1** Il-laqgħa intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 29 ta' Novembru, 2017.**

| | |
|---|---|
| **_IFFIRMAT____** | **___IFFIRMAT______** |
| **Max Zammit**<br>**Sindku** | **Clayton Xuereb**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |